# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Marzu 2020**

**Kawza Numru: 10**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 584/2019 JVC**

**Oleg Popov**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent Oleg Popov kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi l-esponent ghandu cittadinanza Maltija u huwa detentur ta' Passaport Malti numru 1300111 mahrug bl-isem Oleg Vladimirovich Popov (kopja tal-Passaport anness bhala Dok A);

2. Illi l-esponent gie registrat fl-att tat-Twelid fir-Registru Pubbliku ta' Malta bl-isem 'patronymic' u cioe Oleg Vladimirovich Popov (Kopja tal-Att tat-Twelid registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku bhala Dok B);

3. Illi r-riferenza Vladimirovich, tfisser 'iben Vladimir' il-ghaliex isem missier l-esponent huwa Vladimir kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-esponent;

4. Illi fil-verita' pero' Vladimirovich mhuwiex parti mill-isem tal-esponent imma indikazzjoni illi l-esponent Oleg Popov huwa iben Vladimir, tant hu hekk illi fil-Passaport Russu (kopja tal- Passaport anness bhala Dok C) isem l-esponent fil-linja li turi l-isem bl-Ingliz huwa indikat bhala 'Oleg' u mhux 'Oleg Vladimirovic';

5. Illi anke f'pajjizi ohra Ewropej l-indikazzjoni patronymic mhijiex parti mill-isem. B'hekk per ezempju l-esponenti huwa residenti fl-Awstrja u fid-dokumentazzjoni tal-Identita mahruga fl-Awstrja huwa indikat bhala Oleg u ma hemm ebda riferenza ghall-kelma 'Vladimirovich';

6. Illi qed jigu annessi ma' dan ir-rikors numru ta' dokumenti u cioe' licenzja tas-sewqan (Dok D), Certifikat ta' Registrazzjoni ta' Vettura (Dok E), Karta tal-Assikurazzjoni tas-Sahha Ewropeja (Dok F) li jikkonfermaw illi fid-dokumentazzjoni Ewropeja li nharget lill-esponent, ma ssir ebda riferenza ghall-kelma "Vladimirovich" bhala parti mill-isem tal-esponenti;

7. Illi l-inkluzjoni tal-kelma "Vladimirovich" cioe "iben Vladimir" fl-isem tar-rikorrent hija zbaljata il-ghaliex Vladimirovich ma jifformax parti mill-isem tar-rikorrent u lanqas m'hu isem missier ir-rikorrent li jismu Vladimir u mhux Vladimirovich u illi dan l-izball fit-traduzzjoni tal-isem tar-rikorrent kif ukoll id-diskrepanza bejn il-passaport

Malti, il-Passaport Russu u d-dokumentazzjoni l-ohra mahruga fl-Ewropa qed tikkawza konfuzjoni u inkonvenjent lir-rikorrent li l-isem tieghu mhuwiex Oleg Vladimirovich Popov imma Oleg Popov kif inhu maghruf u identifikat;

8. Illi l-artiklu 253 tal-Kodici Civili jaghti d-dritt lir-rikorrent li jaghmel talba lil din l-Onorabbli Qorti ghal-korrezzjoni ta' Att lid-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Ghaldaqstant, in vista tal-premessi, r-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li titwaqqa r-riferenza "Vladimirovich" bhala parti mill-isem tar-rikorrent fic-Certifikat tat-Twelid registrat fir-Registru Pubbliku biex isem ir-rikorrent jigi registrat bhala "Oleg Popov" u mhux "Oleg Vladimirovich Popov" u semmai jigi registrat illi Oleg huwa iben Vladimir;

2. Tordna li titwaqqa r-riferenza "Vladimirovich" fl-isem tar-rikorrent f'kull Att ta' l-Istat Civili relattiv tar-rikorrent inkluz il-Passaport Malti biex b'hekk jinhareg Passaport Malti korrett bl-isem Oleg Popov flok Oleg Vladimirovich Popov.'

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. 'Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent twieled gewwa r-Russja nhar it-2 ta' Settembru 1968. Wara li r-rikorrent ottjena c-cittadinanza Maltija, huwa ghazel illi jirregistra t-twelid tieghu gewwa Malta ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponent irregistra l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti wara li saritlu talba, liema tinsab hawn annessa u mmarkata 'Dok. DRP 1'. Mit-talba in kwistjoni huwa evidenti illi l-persuna li

rrikjediet tali registrazzjoni u cioe' s-Sur Francis J. Vassallo, ddikjara illi l-isem tar-rikorrent fuq l-Att tat-Twelid esteru huwa dak ta' 'Oleg Vladimirovich'. Flimkien mat-talba, gew forniti ukoll id-dokumenti kollha mehtiega, *inter alia*, l-Att tat-Twelid esteru u t-traduzzjoni tal-istess, hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. DRP 2 u Dok. DRP 3' rispettivament. Ghaldaqstant l-esponent wara li kien sodisfatt li r-rekwiziti tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfatti, ghadda ghar-registrazzjoni tal-istess Att billi *ad verbatim* giet imnizzla l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att esteru. Dan ifisser illi stante li fl-Att tat-Twelid esteru, u dan skont it-traduzzjoni fornita lid-Direttur konvenut, isem ir-rikorrent kien 'Oleg Vladimirovich', id-Direttur kellu l-obbligu li fir-registrazzjoni tal-Att tat-Twelid Malti, inizzel l-istess informazzjoni;

3. Illi stante s-suespost u kif ukoll mid-dokumenti ezebiti mill-esponent, ma jirrizultax mill-Att ta' Twelid tar-rikorrent, hawn anness u mmarkat bhla 'Dok. DRP 4', li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 6493 tas-sena 2017, li kien effittivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

4. Illi bla hsara ghas-suespost u ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent jirrimetti ruhu, salv li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi. Ghaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma illi fis-sitwazzjoni jkun idoneju illi l-attur jipprezenta opinjoni legali Russa li tispjega: (i) ghaliex il-parti tal-isem hawn ikkontestata tigi mnizzla fil-kolonna tal-ismijiet li ghandhom jinghataw lil persuna fl-Att tat-Twelid taghha, u (ii) jekk skont il-kultura Russa tali isem huwiex ikkunsidrat bhala parti mill-isem shih ta' persuna. B'hekk din l-Onorabbli Qorti tkun f'pozizzjoni li tistrada din l-azzjoni hekk kif jidrilha xieraq u opportun;

5. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent

mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.'

Rat illi fil-verbal tallum stess il-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni skont il-ligi;

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat minn liema jidher illi hija gustifikata t-talba sabiex il-parti ta' l-isem indikata bhala 'Vladimirovich' ghandha tigi eskluza mic-certifikat tat-twelid stante li effettivament ma tirrapprezentax parti mill-isem izda tindika biss iben min hu r-rikorrent;

Rat ukoll il-parir legali esebit a fol. 36 tal-process.

**Decizjoni**

In vista tal-atti kollha esebiti l-Qorti tqis illi t-talba odjerna hija legalment gustifikata u ser tghaddi sabiex tiddeciedi l-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi li ghandha titwaqqa r-referenza 'Vladimirovich' bhala parti mill-isem tar-rikorrent fic-Certifikat tat-Twelid registrat fir-Registru Pubbliku biex isem ir-rikorrent jigi registrat biss bhala "Oleg Popov" fic-certifikat tat-twelid bin-numru 6493 tal-2017;

2. Tichad il-bqija ta' l-ewwel talba;

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna li titwaqqa r-referenza "Vladimirovich" fl-isem tar-rikorrent f'kull Att ta' l-Istat Civili relattiv mar-rikorrent fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku intimat inkluz il-Passaport Malti biex b'hekk jinhareg Passaport Malti korrett bl-isem 'Oleg Popov' flok 'Oleg Vladimirovich Popov';

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta' Marzu 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Marzu 2020**